**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 21 ta' Novembru 2023

Każ Numru: 429/2021

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Roderick Attard)
**vs**

**Ibrahim Suod**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 107946 (A))

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, Ibrahim Suod ta' 21 sena, iben Abdalmohsin K-Suod u Fatma Jasser, imwieled Pietà Malta, nhar il-5 ta' Marzu 2000, u residenti ġewwa fond 7, Carmen, Triq Nerik Sacco, il-Marsa u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 107946A, akkużat talli nhar is-7 ta' Lulju 2021 bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) u d-disa' u kwart ta' filgħaxija (21:15hrs) ġewwa Triq Nerik Sacco, l-Marsa u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Aleksandra Rybarczyk, f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa, magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta jew iniggeż fuq il-persuna ta' Aleksandra Rybarczyk.

2. Nakkużah ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

3. Nakkużah talli għamel lil Aleksandra u lil Andrzej Mieczyslaw, inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew li kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ il-barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

4. Nakkużah aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta u bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.

5. Nakkużah ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk sabiex jinġurja jew jdejjaq jew jagħmel il-ħsara lil din il-persuna.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat Ibrahim Suod, jħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija u anke' matul il-mori tal-kawża, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Aleksandra Rybarczyk u Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk dan ai termini ta' l-artikolu 412C, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esibit estratt mill-att tat-twelid kif ukoll fedina penali ta' Ibrahim Suod, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2021 ai termini tal-artikolu 412C tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-ħruġ għall-ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-imputat a favur ta' Aleksandra Rybarczyk u Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk liema ordni ta' protezzjoni għandu jibqa' viġenti sad-dikjarazzjoni finali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputat Ibrahim Suod biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-artikoli 214, 215 u 217 u 221(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 6, 8 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 17, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2022 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, u l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tal- 21 ta' Novembru 2022, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma kellux aktar provi xi jressaq;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ukoll l-eżenżjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi li kienu ġia nstemgħu minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

## A. Fatti tal-każ

Din il-Qorti quddiemha għandha każ fejn l-imputat kien jinsab f'relazzjoni ma Nikola Julia Rybarczyk bint Aleksandra Rybarczyk u Mieczyslaw Rybarczyk. Jidher li bejn l-imputat u l-ġenituri ta' Nikola Julia Rybarczyk kien hemm tensjoni kbira u dan stante l-fatt li l-ġenituri ta' Nikola Julia Rybarczyk ma ridux li binthom tibqa f'relazzjoni mal-imputat Ibrahim Suod. L-imputat isostni li huma ma riduhx jibqa f'relazzjoni ma binthom għaliex huwa Musulman filwaqt li Mieczyslaw Rybarczyk isostni fix-xhieda tiegħu li huwa ma riedx li bintu tibqa f'relazzjoni mal-imputat Ibrahim Suod, liema relazzjoni bdiet meta bintu kellha madwar ħmistax il-sena għaliex l-imputat Ibrahim Suod kien jitratta lil bintu bħala skjava u ġieli anke sawwatha.

Jidher li fis-7 ta' Lulju 2021, il-ġenituri ta' Nikola Julia Rybarczyk flimkien ma ċertu Talal Allouch irħewla lejn id-dar tal-familja tal-imputat Ibrahim Suod, bl-intenzjoni li jkellmu lil ġenituri tal-imputat għax ma kienux kuntenti kif l-imputat kien qiegħed jitratta lil binthom. X'ħin waslu, fil-gallarija inzerta kien hemm ħu l-imputat qiegħed ipejjep sigarrett. Jidher li Talal Allouch li kien qed jagħmilha ta' interpretu staqsa lil Omar Suod sabiex ikellmu lil ġenituri tiegħu.

L-imputat Ibrahim Suod kienu ġewwa d-dar flimkien mat-tfajla u ħuh, u dawn tfixklu xhin raw il-ġenituri tat-tfajla peress li huma qatt ma urewhom fejn kien joqgħod Ibrahim Suod. Huma niżlu jiftħulhom il-bieb.

Jidher li l-inċident seħħ meta Mieczyslaw Rybarczyk mar għall-imputat Ibrahim Suod, martu Aleksandra Rybarczyk marret sabiex tifridhom u f'dak il-mument Aleksandra Rybarczyk sofriet ġrieħi ħfief magħmula bi strument li jaqta u bil-ponta. Sussegwentement waslu l-pulizija li sabu lill kulħadd jistenna fuq il-post minbarra Talal Allouch li għal xi raġuni telaq minn fuq il-post.

## B. <u>Il-Provi</u>

In sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Roderick Attard** xehed kif fis-7 ta' Lulju 2021, kien ġie infurmat minn PS826 Matthew Parnis illi ġewwa Triq Nerik Sacco, l-Marsa kien hemm argument u f'dan l-argument sfat feruta persuna li ġiet identifikata bħala Alexandra Rybarczyk fejn hija soffriet minn qatgħa f'idha, liema qatgħa ġiet ikkaġunata minn strument li jaqta u bil-ponta. L-Ispettur ġie infurmat mis-Surġent li fuq il-post kien hemm ukoll ċertu Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk u binthom Nikola Julia Rbyarchzyk.

   PS826 informa lill-ispettur li l-ġenituri ta' Nikola Julia Rbyarchzyk u ċioe Alexandra Rybarczyk u Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk kellhom argument mal-imputat Ibrahim Suod, is-sieħeb ta' binthom.

   L-Ispettur Attard ordna l-arrest tal-imputat Ibrahim Suod u minn tfitxija li għamel PS826 ġiet elevata s-sikkina li ntużat mill-imputat. Din is-sikkina ġiet ippreżentata mill-Ispettur Attard fejn wara li ġiet issiġillata f'evidence bag, ġiet immarkata bħala Dok RA5.

   Fit-8 ta' Lulju 2022 l-Ispettur Attard ħa stqarrija lill-imputat Ibrahim Suod u dan wara li ngħata s-solitu twissija u anke kkonsulta ma Avukat tal-fiduċja tiegħu, huwa għażel li ma jweġibx għal ħafna mill-mistoqsijiet. Madanakollu meta ġie mistoqsi jekk fil-lejl ta' qabel huwa kienx involut f'xi argument, huwa saħaq li kien involut f'argument ma Sirjan li kien jaħdem ma missier it-tfajla. L-imputat sostna li kien ilu sentejn f'relazzjoni mat-tfajla u ġieli jkollhom xi argumenti żgħar. Huwa kien sostna li missier it-tfajla kellu problema b'din ir-relazzjoni. L-ispettur ippreżenta l-istqarrija li ġiet immarkata bħala Dok RA6.

2. **Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk** bi qbil bejn il-partijiet xehed bil-lingwa Ingliża. Huwa xehed kif bintu kienet f'relazzjoni mal-imputat Ibrahim Suod. Xehed kif mil-computer ta' bintu sab xi konverżazzjoni bil-Malti bejn bintu u l-imputat u l-għada talab lil sħabu sabiex jispjegawlu l-kontenut ta' din il-konverżazzjoni.

L-għada għal xi sitta ta' filgħaxija informa lil martu bil-kontenut ta' dik il-konverżazzjoni u iddeċidew li jmorru jkellmu lil ġenituri tal-imputat Ibrahim Suod għax ma kienux kuntenti kif l-imputat kien qiegħed jittratta lil binthom.

Huma ma kienux jafu l-indirizz, però kienu jafu l-isem tat-triq u anke kienu jafu x'karozza l-imputat juża. X'ħin waslu, huma pparkjaw fid-direzzjoni opposta tal-karozza tal-imputat Ibrahim Suod. F'mument minnhom, ħarġu mil-bieb ta' barra tad-dar tal-imputat Ibrahim Suod u ħuh Omar. Ix-xhud Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk u martu ħarġu mill-karozza u waqfu daqs żewġ metri l-bogħod minn xulxin.

Ix-xhud Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk u martu talbuhom sabiex ikellmu lil ġenituri tagħhom. Għal dan huma rrispondew li dan ma kienx possibbli. Imbagħad l-imputat Ibrahom Suod u ħuh bdew jiżfnu qishom tiġieġ u bdew jimbuttawhom b'idejhom u jitolbuhom biex jitilqu.

Ix-xhud Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk u martu talbu lil binthom ta' sbatax il-sena sabiex tmur id-dar magħhom, iżda hija ma riditx. Eventwalment ġew ikkuntattjati l-pulizija iżda wara li kien għadda ħafna ħin u l-pulizija kienu għadhom ma marrux fuq il-post, ix-xhud iddeċieda li jkellem bil-kwiet u b'mod kalm lil ħu l-imputat. Lil-Omar huwa kien kellmu fuq it-telephone f'okkażjonijiet oħra, u kien jaf li Omar kien ipprova jgħinu fis-sens li għadda l-messaġġ lill-imputat Ibrahim Suod li huwa u martu ma riduħx ikompli bir-relazzjoni ma binthom.

Madanakollu Omar informa lix-xhud li huwa kien diġà spjega lill-ħuh Ibrahim Suod li huma ma riduħx jibqa' f'relazzjoni ma binthom, iżda Ibrahim Suod ried li r-relazzjoni tkompli. Kien hawnhekk li x-xhud iddeċieda li jkellem lill-imputat Ibrahim Suod.

X'ħin kien viċin Ibrahim Suod huwa seta' jara li kellu xi ħaġa f'idu tal-lemin iżda ma kienx jaf x'kienet. Ix-xhud jgħid li l-imputat Ibrahim Suod ipprova jattakkah biha iżda irnexxilu jiżgiċċah u minflok laqat lil martu f'idha. Dak il-ħin martu bdiet tibki u ra ħafna demm ħiereġ minn idha. Huwa ċempel 112 u nformahom li għadhom kif ġew attakkati minn Sirjan u li martu għandha ħafna demm ħiereġ minn idha. Ftit tal-ħin wara waslu kemm l-ambulanza u anke l-pulizija.

Muri l-oġġett mmarkat Dok RA5, ix-xhud ma setax jikkonferma li l-imputat kellu propju dak l-oġġett f'idu. Ix-xhud stqarr li l-każ ġara fis-7 ta' Lulju 2021 ġewwa l-Marsa, fil-post fejn marru l-pulizija u l-ambulanza.

Fil-kontro-eżami tiegħu, x-xhud stqarr li huwa ma jaqbilx mar-reliġjon tal-imputat u lil bintu huwa kien qiegħed jittrattaha bħala skjava u miegħu kienet qisha qiegħda ġo ħabs. Għalhekk huwa ma jaqbilx mar-reliġjon li jħaddan l-imputat.

Mitlub jispjega għalfejn qiegħed isostni li l-imputat kien qiegħed jittratta lil bintu qisha skjava, x-xhud spjega kif kemm kienet ilha f'din ir-relazzjoni l-attitudni ta' bintu nbidlet totalment. Ma baqgħetx tilbes kif kienet tilbes qabel, ma baqgħetx tagħmel makeup, ma baqgħetx tiltaqa ma sħabha, u ikkanċellat il-mezzi soċjali kollha li kienet tagħmel użu minnhom. Apparti minn hekk huwa jaf li l-imputat Ibrahim Suod ġieli sawwat lil bintu.

3. **Aleksandra Rybarczyk** li x-xhieda tagħha ġiet tradotta bil-lingwa Ingliża u dan bi qbil bejn il-partijiet xehdet kif fis-7 ta' Lulju 2021 għal ħabta tat-tmienja ta'

filgħaxija hi u żewġha ddeciedew li jmorru jkellmu lil ġenituri tal-imputat Ibrahim Suod li kien f'relazzjoni ma binthom.

Fil-gallarija lemħu lil ħu l-imputat u talbuh sabiex inkellmu lil ġenituri tiegħu. Imbagħad minħabba problema ta' lingwa, ħabib tas-Sirjani kien se jagħmilha ta' interpretu iżda wisq probabbli s-Sirjani qalulu xi ħaġa li l-interpretu kien qiegħed jibża jgħid lix-xhud u lill żewġha u telaq l' hemm.

Eventwalment niżlu l-imputat u bintha, u talbu lil binthom sabiex tmur id-dar magħhom iżda hija ma riditx. Imbagħad inqalgħet ġlieda bejn żewġha u l-imputat u f'mument minnhom hija spiċċat b'idejha kollha dmija u eventwalment ittieħdet l-isptar permezz ta' ambulanza.

Mistoqsija jekk tafx min laqatha bl-istrument, ix-xhud sostniet li hija ma tafx minn laqatha bl-istrument. Meta kienu l-isptar żewġha qalilha li l-imputat Ibrahim Suod kellu xi ħaġa f'idu li kienet tidher qisha sikkina iżda hi personalment ma tistax tikkonferma dak il-fatt.

Hija sostniet li fil-mument tal-inċident l-imputat Ibrahim Suod imbotta lil żewġha. Fil-ġlieda kien hemm involuti l-imputat, ħuh, bintha, żewġha u hi.

Ix-xhud ikkonfermat li hija ntlaqtet f'idha l-leminija u kkonfermat li qiegħda tagħraf iċ-ċertifikat mediku.

4. **Nikola Julia Rybarczyk** xehdet fit-18 ta' Ottubru 2021 u ddikjarat li hija ma tiftakarx eżattament meta ġara il-każ iżda taħseb li ġara xi tlett xhur jew erbgħa xhur qabel għal ħabta ta' xi sitta jew is-seba' ta' filgħaxija.

Ix-xhud sostniet kif f'dawk iż-żminijiet kien hemm ftit tensjoni bejnha u bejn il-ġenituri minħabba l-għarus tagħha. Dakinhar hija ħarġet mal-għarus imbagħad marru d-dar tiegħu. Dakinhar filgħaxija missierha bagħat messaġġ bl-Ingliż lil

għarus tagħha u staqsa jekk jistax jiltaqa miegħu. Hi bagħtitlu lura u staqsitu jekk għandux bżonn xi ħaġa u missierha talabha sabiex iċċempillu.

Minħabba li l-mobajl tagħha ma kienx għandha għax kien għand il-ġenituri u minħabba li bejn missierha u l-imputat Ibrahim Suod kien hemm xi problemi hija ma ħassitx li huwa raġonevoli li ċċempillu minn fuq il-mobajl ta' Ibrahim Suod u għalhekk bagħtitlu lura fejn informatu li jekk hija xi ħaġa urġenti għandu jibgħatilha messaġġ filwaqt li jekk ma hijiex urġenti jitkellmuha x'ħin tkun id-dar. Missierha ma weġibx lura.

Aktar tard ħu Ibrahim kien fil-gallarija u lemaħ lil ġenituri tagħha. Dak il-ħin kulħadd ippanikja għax hi qatt ma kienet qaltilhom fejn joqgħod l-għarus tagħha l-imputat Ibrahim Suod u niżlu isfel biex jaraw għalfejn il-ġenituri tagħha marru hemmhekk.

Ix-xhud xehdet li l-ġenituri tagħha marru ftit bil-għlied b'mod partikolari missierha fejn beda jinsisti li hija tmur d-dar magħhom u li ried ikellem lil ġenituri ta' Ibrahim Suod. Missierha anke qabadha minn idha u ġarrha lejn il-karozza u hija ma riditx tmur magħhom għax meta kien ikollha dawn it-tip ta' argumenti kienu jispiċċaw ma jħalluhiex toħroġ u kienu joħdulha ċ-ċwievet u l-mobajl.

Ibrahim u hi kienu ħdejn id-dar u l-ġenituri tagħha kienu faċċata tad-dar, iżda missierha qabżitlu u mar biex jaqbad jagħti lill-imputat Ibrahim Suod u l-imputat iddefenda ruħu. Dak il-ħin daħlet ommha bejniethom biex tifridhom u ntlaqtet b'xi ħaġa u beda ħiereġ ħafna demm. Fuq il-post marru l-pulizija u l-ambulanza.

Meta mistoqsija jekk tafx min laqat lill-ommha, ix-xhud sostniet li hija ma tafx min laqat lil ommha iżda ntlaqtet meta marret sabiex tifred lil missierha u lill-għarus tagħha. Ix-xhud sostniet li hija fl-ebda mument ma rat xi ħaġa f'idejn xi ħadd.

Ix-xhud ikkonfermat li r-relazzjoni tagħha mal-imputat hija waħda konsenswali u li missierha ma riedx li hi tibqa toħroġ mal-imputat għax huwa Musulman.

5. **Talal Allouch** xehed kif il-kaptan tiegħu Andre' ċempillu u qallu li kellu bżonn li jmur miegħu għand missier l-imputat sabiex jagħmilha ta' interpretu. Il-kaptan qallu li għandu problema minħabba t-tifla. X'ħin marru id-dar tal-imputat, dawn ħasbu li kien hu li ħa lil Kaptan għandhom iżda hu infurmahom li hu ma għandux x'jaqsam. Huma qalulu li ħolqilhom problema kbira u huwa ddeċiedha jitlaq minn fuq il-post.

6. **PC 963 Anthony Magro** xehed li wara stħarriġ li sar irriżulta li l-imputat Suod Ibrahim la qatt kellu u lanqas għandu liċenzja biex iżomm arma ta' kwalunkwe tip speċjalment tal-ponta. Ix-xhud ippreżenta screenshot tar-riċerka kondotta fir-rigward, li ġiet immarkata Dok AM1.

7. **PC 2156 Lara Garcia u Uffiċjal Ċivili Matthew Azzoprdi** xehdu li fis-7 ta' Lulju 2021 ġew infurmati li seħħ feriment ġewwa Triq Neriku Sacco l-Marsa. Huma aċċedew fuq il-post għal ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija fejn fit-triq innotaw tiċpis ta' lewn ħamrani kemm fit-triq kif ukoll fuq il-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni LCP 718 li kienet ipparkjata fit-triq. PC 2156 kienet responsabbli għat-teħid tal-fotografija filwaqt li Matthew Azzopardi kien responsabbli għat-teħid tal-kampjuni tad-demm. Ittieħdu anke ritratti tal-arma li allegatament intużat f'dan l-inċident. Matul ix-xhieda tagħhom, ippreżentaw rapport fejn fih ġew ippreżentati kemm ir-ritratti meħuda u anke l-kampjuni tad-dmija, liema rapport ġie mmarkat bħala Dok LG1.

8. **PS 826 Matthew Parnis** xehed kif fis-7 ta' Lulju 2021 kien stazzjonat ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun fejn irċevew telefonata mingħand raġel li kien eċitat u ma tantx beda jiftiehem pero fehmu li kellu bżonn l-għajnuna ġewwa triq Nerik Sacco l-Marsa. Għalhekk il-pulizija marru fuq il-post u x'ħin waslu sabu xi ftit

tal-kommossjoni u fuq il-post kien hemm raġel, mara u tfajla. Ir-raġel li kien jismu Andrzej Rybarczyk beda jipponta lejn persuna li dak il-ħin kien qiegħed fuq l-għatba tal-bieb li rriżulta li kien l-imputat Ibrahim Suod u beda jgħidlu li dak kien. Minħabba diffikultà ta' komunikazzjoni PS 826 Matthew Parnis kellu jitlob lit-tfajla li kienet titkellem bil-Malta bħala interpretu u ġie spjegat lilu kif it-tifla tagħhom kienet f'relazzjoni mal-imputat Ibrahim Suod, inqalgħet kommossjoni u martu spiċċat b'qatgħa żgħira f'idejha. Però x-xhud ma rax dmija.

L-imputat Ibrahim Suod ġie mitlub mill-pulizija sabiex joqgħod ħdejn il-karozza tagħhom. Minkejja li faċċata kien hemm ħanut li għal l-għajn kellu diversi CCTV cameras, biss però meta il-pulizija kellmu lil sid il-ħanut huwa nformahom li ma kienux jirrekordjaw u kienu live feed biss. L-imputat Ibrahim Suod ittieħed l-għassa tal-Ħamrun fejn ġie infurmat l-Ispettur li kompla bl-investigazzjonijiet tiegħu.

Ix-xhud ġie muri Dokument RA 3 a fol 8 tal-proċess fejn ikkonferma li dak huwa r-rapport li għamel hu, mbagħad uffiċjali oħra għamlu diversi updates fl-istess rapport.

Meta x-xhud staqsa lill-imputat Ibrahim Suod x'ġara huwa informah li għandu problema ma missier it-tfajla għax ma ridux jibqa' f'relazzjoni magħha minħabba problemi ta' kultura.

Ix-xhud sostna li l-persuna li kellha xi feriti f'idejha kienet omm it-tfajla. Idejha kienet imgeżwra ġo xugaman żgħir li ġie provdut lilha mill-imputat u ħuh. Dmija huwa ma rax pero kienet it-tifla stess li qaltlu li taf li ommha weġġgħet iżda ma tafx kif weġġgħet. L-omm tramite t-tifla tagħha infurmat lil pulizija li hija ħasset xi ħaġa iżda la taf x'inhi u lanqas taf biex ġiet ikkaġunata.

Meta saret tfittxija għal arma Omar, ħu l-imputat għadda craft knife mingħajr blade lil pulizija. Din l-arma inġabet mill-fond fejn joqgħod l-imputat u l-familja tiegħu.

9. **PC 1127 Damien Lee Caruana,** xehed kif kienet daħlitilhom telefonata fis-7 ta' Lulju 2021 li hemm bżonn l-assistenza tagħhom quddiem il-fond bin-numru 7 fi Triq Nerik Sacco, l-Marsa. Ix-xhud flimkien mas-Surġent 826 marru immedjatament fuq il-post fejn kien hemm diġà ambulanza u l-vittma kienet b'idejha nfaxxata. Malli waslu fuq il-post kien hemm raġel ta' nazzjonalità barranija li rrimarkalhom li kien l-imputat Ibrahim Suod li kkawża l-ġrieħi lil martu. Dak il-ħin l-imputat Ibrahim Suod ġie arrestat u ngħata s-solitu twissija u x-xhud baqa' l-ħin kollu mal-imputat. Eventwalment l-imputat Ibrahim Suod ittieħed il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Meta x-xhud tkellem mas-Surġent 826 huwa rriżultalu li l-imputat kien jinsab f'relazzjoni mat-tifla ta' dak il-persuna li nformahom li kien l-imputat Ibrahim Suod li kkawża l-ġrieħi lil martu u kien qiegħed ikun hemm xi konflitti bejniethom għax ma ridux jibqa' f'relazzjoni ma bintu. Dakinhar il-ġenituri tat-tfajla marru quddiem il-fond tal-imputat u hemmhekk inħolqot xi konfużjoni. Irriżultalu wkoll li kienet saret tfitxija u nstabet l-arma li permezz tagħha ġiet feruta l-mara. Irriżulta li kienet xafra li iżda kienet xi ftit imkissra. Ix-xhud iddikjara li huwa ma kienx preżenti għat-tfitxija.

10. **Rachel Barte** xehdet li hija marret fuq il-post bl-ambulanza u missier it-tfajla kellu qalbu qed tgħaġġel u wara ftit ikalmat iżda xorta mar l-isptar. Omm it-tfajla weġġgħet idejha.

11. **Dr Marisa Cassar,** ippreżentat ir-rapport tagħha u xehdet li fit-8 ta' Marzu 2022 hija ġabret xi kampjuni u fl-1 ta' April 2022 hija ġabret kampjuni orali ta' Aleksandra Rybarczyk. Hija għamlet analiżi tal-kampjuni li kienu pożittivi għad-demm u qabblithom mal-profil ġenetiku ta' Aleksandra Rybarczyk.

12. **L-Istqarrija tal-imputat Ibrahim Suod datata 8 ta' Lulju 2021,** fejn fiha għażel li ma jweġibx għal ħafna mill-mistoqsijiet. Madanakollu meta ġie mistoqsi jekk kienx hemm ħaddieħor involut fl-argument apparti hu, it-tfajla, ommha u missierha, huwa saħaq li kien hemm Sirjan ieħor li kien jaħdem ma missier it-tfajla u li kien hu qal lil missier it-tfajla fejn joqgħod. L-imputat sostna li kien ilu sentejn f'relazzjoni mat-tfajla u ġieli jkollhom xi argumenti żgħar. Huwa kien sostna li missier it-tfajla kellu problema b'din ir-relazzjoni.

In sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Omar Suod** xehed li huwa kien qiegħed ipejjep sigarett u ra lil Missier it-tifla u wieħed Gharbi u staqsewh fejn huwa Ibrahim. Ix-xhud niżel isfel tiftħilhom u l-Għarbi filwaqt li beda jimbottaħ beda jistaqsih fejn hu Ibrahim. Fl-istess waqt l-Għarbi ġibdu u tefgħu mal-art. Huwa sema ħafna għajjat u twerżiq minn naħa ta' omm u missier it-tfajla tal-imputat. Dak il-ħin huwa ma setgħa jara xejn imbagħad ra d-demm u kulħadd jgħajjat.

   Ix-xhud stqarr li missier it-tfajla beda joffendihom bir-reliġjon għax huma Musulmani.

   Ix-xhud stqarr ukoll li huwa ma ra l-ebda oġġett f'idejn xi ħadd iżda missier it-tfajla ta' ħuh kellu l-ponn magħluq u ma setax jara jekk kienx hemm xi ħaġa f'idejh.

L-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif huwa kellu kull dritt li jagħmel.**

## C. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għass-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** ***"****Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Aleksandra Rybarczyk, f'periklu ċar, ikkaġuna ġriehi ta' natura ħafifa, magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta jew inniggeż fuq il-persuna ta' Aleksandra Rybarczyk".*

Jingħad li d-difiża waqt it-trattazzjoni tgħid li l-imputat kien fil-kwiet ta' daru u dan ġie ipprovokat bil-lejl u mhux mil-ġenituri biss, imma saħansitra kien hemm persuna oħra, li skont id-difiża kienet ta' nazzjonalità Għarbija, magħhom, u kien Mieczyslaw Rybarczyk li aggredixxa l-ewwel. Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti huwa qiegħed jeċepixxi l-eċċezzjoni tad-difiża leġittima.

Kif jingħad hawn fuq, mill-provi produċibbli din il-Qorti jirriżultalha li l-imputat kien jinsab f'relazzjoni ma Nikola Julia Rybarczyk bint Aleksandra Rybarczyk u Mieczyslaw Rybarczyk, u dan kontra x-xewqa tal-ġenituri ta' Nikola Julia Rybarczyk. Il-partijiet ma jaqblux dwar ir-raġuni tad-differenzi bejniethom, fis-sens li wieħed jgħid li din hija attribwibbli lejn ir-reliġjon filwaqt li l-ġenituri jgħidu li binthom kienet qisha skjava u anke issir allegazzjoni li l-imputat sawwatha. Mix-xhieda produċibbli jirriżulta li dan ma kienx l-ewwel inċident bejn il-partijiet.

Fis-7 ta' Lulju 2021, il-ġenituri ta' Nikola Julia Rybarczyk flimkien ma Talal Allouch avviċinaw lejn id-dar tal-familja tal-imputat Ibrahim Suod, bl-intenzjoni li jkellmu lil ġenituri tal-imputat għax ma kienux kuntenti kif l-imputat kien

qiegħed jitratta lil binthom. X'ħin waslu, fil-gallarija kien hemm ħu l-imputat. Jidher li Talal Allouch li kien qed jagħmilha ta' interpretu staqsa lil Omar Suod sabiex ikellmu lil ġenituri tiegħu, iżda dan ma seħħx. Minflok, l-imputat, ħuh u t-tfajla ddeċidew li joħorġu mid-dar, fejn ċertament huma kienu protetti, u niżlu jaffaċċjaw lill-ġenituri.

F'dan l-istadju seħħ l-inċident fejn Mieczyslaw Rybarczyk mar għall-imputat Ibrahim Suod, u martu Aleksandra Rybarczyk marret sabiex tifridhom u f'dak il-mument Aleksandra Rybarczyk sofriet ġrieħi ħfief magħmula bi strument li jaqta u bil-ponta.

Din il-Qorti għaldaqstant m'għandiex dubbju li l-istrument li jaqta bil-ponta kien jew f'idejn Mieczyslaw Rybarczyk jew inkella f'idejn l-imputat Omar Suod. Mix-xhieda kollha li xehdu f'dawn il-proċeduri kien biss Mieczyslaw Rybarczyk li xehed li huwa ra xi ħaġa f'idejn l-imputat Omar Suod, u l-istess xhud ma setax jikkonferma li dak li ra f'idejn Omar Suod kien propju l-istrument eżebit fl-atti ta' dawn il-proċeduri.

Madanakollu din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li kien propju ħu l-imputat stess li għadda lil pulizija l-istrument li ntuża f'din il-ġlieda. Lanqas ma tista tinjora l-fatt li meta ħu l-imputat għadda l-istrument li jaqta u bil-ponta (anke jekk ix-xafra kienet imkissra), din is-sikkina kienet tinsab propju fid-dar tal-familja tal-imputat.

**Għalhekk din il-Qorti hija moralment konvinta li s-sikkina li ntużat waqt il-ġlieda kienet f'idejn l-imputat Ibrahim Suod u ġiet użata mill-istess imputat u konsegwentament kien l-imputat Ibrahim Suod li kkaġuna ġriehi ta' natura ħafifa lil Aleksandra Rybarczyk.**

Li Aleksandra Rybarczyk sofriet ġriehi ta' natura ħafifa huwa ppruvat miċ-ċertifikat mediku immarkat bħala Dek RA4 u li jinsab f'paġna erbatax tal-

proċess. Tajjeb li jingħad li fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2021 d-difiża kienet eżentat lil prosekuzzjoni mill-konferma b'ġurament ta' dan l-istess ċertifikat.

Stante il-fatt li d-difiża qegħda tallega li ħu l-imputat ġie aggredit l-ewwel, u allura jsegwi li l-imputat iddefenda lilu nnifsu u lill ħuh, il-Qorti se tara jekk f'dan il-każ tapplikax id-difiża ta' leġittima difesa kif ikkontemplata fl-Artikolu 224 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jaqra hekk:

> *"224. Jidħlu taħt il-każijiet ta' bżonn attwali tad-difiża leġittima, dawn li ġejjin:*
> *(a) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt li wieħed, bil-lejl, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta' reċinti, ta' ħitan, jew ta' bibien li minnhom tidħol għal dar jew appartament abitat, jew ta' post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament;*
> *(b) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jsiru fil-waqt tad-difiża kontra persuna li tkun tagħmel serq bi vjolenza jew sakkeġġ bi vjolenza, jew li tittanta tagħmel dak is-serq jew sakkeġġ;*
> *(ċ) jekk l-omiċidju jew l-offiżi fuq il-persuna jkunu meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża tal-kastità ta' persuna nnifisha, jew ta'persuna oħra."*

Kif huwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għall-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid:

> *'223. Ma hemmx reat meta omiċidju jew offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permess mill-liġi jew mill-awtorita' leġittima, jew meħtiega mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wiehed innifsu jew ta' ħaddiehor.'*

Id-dritt tal-leġittima difeża jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu ta' forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa, cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. Dan ifisser li dak li għamel l-imputat, irid ikun għamlu peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setax jevita l-periklu li setgħa rriżulta bl-aġir tal-agressur salv b'dak li għamel l-imputat.

Kif jgħid il-Professur Mamo, il-periklu għandu jkun attwali, istantanju u assolut u b'hekk mhux periklu premeditat:

> *"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Wieħed irid ipoġġi lilu nnifsu fil-pożizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat aġixxa għar-reazzjoni li kien infaċċjat biha, u ċioe' l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit.

Fis-sentenza fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Mark Farugia il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fis-27 ta' Ġunju 2002** spjegat fid-dettal l-oriġini tal-prinċipju maħsub f'dan l-artikolu u rriteniet hekk:

> *"Illi kif huwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għall-leġittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn*

*min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti ... Wiehed irid jpoġġi lilu nniffsu fil-pożizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif wkoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat aġixxa għar-reazzjoni li kien infaċċjat biha, u cioe' l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit..."*

Il-prinċipju tal-leġittima difiża gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tony Curmi et deċiża fis-27 ta' Ġunju 2017, fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)** bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrimarkat:

*"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali....*
*Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milquha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi*

*tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza. Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; [...] [...][F]id-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn [...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgement."*

Fis-sentenza mogħtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 t' Awwissu, 1998, fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** gie ritenut illi:

*"Mhux kull min "jaġixxi biex jiddefendi ruħu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-liġi titkellem ċar dwar il-bżonn attwali ta' difiża leġittima" ta' dak li jkun jew ta' ħaddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli."*

Il-Qorti sabiex tistabbilixxi jekk f'dan il-każ tapplikax id-difiża ta' leġittima difesa għandha tistabbilixxi jekk:

a. Is-sitwazzjoni ta' periklu inħolqotx bl-aġir tal-ġenituri tat-tfajla tiegħu u mhux da parti tal-imputat Ibrahim Suod.
b. Dak li għamel Ibrahim Suod, għamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setgħax jevita l-periklu li setgħa irriżulta bl-aġir tal-ġenituri tat-tfajla tiegħu.
c. It-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu fil-konfront ta' Ibrahim Suod kien inġust, gravi, u inevitabbli.
d. L-periklu li sab ruħu fih Ibrahim Suod kien attwali, istantanju u assolut.

e. Meta wieħed ipoġġi lilu nnifsu fil-pożizzjoni li kien fiha l-imputat Ibrahim Suod kemm mentalment kif ukoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat Ibrahim Suod aġixxa għar-reazzjoni li kien infaċċjat biha, u cioe' l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit, wieħed kienx jaħseb li l-periklu huwa attwali.

Din il-Qorti ikkunsidrat li mil-provi produċibbli jirriżulta li dan ma kienx l-ewwel inċident bejn il-partijiet, u Ibrahim Suod kien d-dar tiegħu protett mill agressuri li eventwalment hu għażel li jiffaċċja. Huwa seta' faċilment ma jmurx jikkonfronta lil ġenituri tat-tfajla tiegħu li kienu fit-triq u se mai jkellimhom mill-gallarija. Madanakollu huwa għażel li joħroġ mid-dar u jmur jikkonfronta lil ġenituri li kienu barra fit-triq, u kif ukoll meta niżel mid-dar u ħareġ barra t-triq sabiex jiffaċċja lil ġenituri tat-tfajla tiegħu, l-imputat għażel li jkun armat b'sikkina. Din il-Qorti għaldaqstant tal-fehma li d-difiża leġittima mhix applikabbli.

Minħabba l-fatt li mill-provi produċibbli jirriżulta li wara li l-imputat Ibrahim Suod ħareġ mid-dar u niżel barra fit-triq kien Mieczyslaw Rybarczyk l-ewwel li mar sabiex jaggredixxi lill-imputat Ibrahim Suod, din l-Onorabbli Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabbilixxi jekk l-offiżi kommessi mill-imputat Ibrahim Suod kienux skużabbli u dan minħabba l-fatt li huwa ġie pprovokat mill-istess Mieczyslaw Rybarczyk.

L-artikolu 230 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi ċ-ċirkostanzi li huma skużabbli:

*"230. L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli :*
*(a) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(a) u (b);*
*(b) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(ċ);*

*(ċ) jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna;*
*(d) fil-każ magħdud bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(d)."*

Imbagħad l-artikolu 227 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jinċita s-segwenti:

*"227. L-omiċidju volontarju hu skużabbli :*
*(a) jekk ikun ipprovokat b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija;*
*(b) jekk ikun sar fil-waqt li wieħed, bi nhar, ikun qiegħed jirreżisti biex ma jħallix l-iskalata jew il-ksur ta' reċinti, ta' ħitan, jew tad-daħla ta' dar jew ta' appartament abitat, jew post li jagħmel magħhom, illi jkun jinfed, direttament jew indirettament, ma' dik id-dar jew ma' dak l-appartament;*
*(ċ) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha; sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt:*
*Iżda omiċidju ma jkunx skużabbli taħt dan il-paragrafu jekk ikun twettaq f'xi ċirkostanza msemmija fl-artikolu 211A*
*(d) jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn:*
*Iżda, dan l-eċċess ma jkunx suġġett għal piena, jekk ikun sar minħabba li l-persuna tkun inħasdet, beżgħet jew twerwret."*

Fix-xhieda tagħha Nikola Julia Rybarczyk bint Mieczyslaw Rybarczyk u Aleksandra Rybarczyk tistqarr is-segwenti:

*"...Ma konniex as in ħdejn xulxin u bħal speċi* ***missieri qabżitlu,*** ġie qal lil Ibrahim ejja ngħidu **biex jaqbad jagħtih tista' tgħid**

**għax ġie għal ġlied** u ovvjament imbagħad Ibrahim rah ġej, iddefenda lilu nnifsu bħal speċi, **għax missieri ġie fuq l-għatba u kien ħa jmissu**...”

Fix-xhieda tiegħu Mieczyslaw Rybarczyk jsostni s-segwenti:

“*When I was, I don't know one or one half metre away he attacked me...but I make like you know and his hand passing my head...and he hit my wife...”*

Illi fil-kawża **r-Repubblika ta' Malta vs Christopher Gauci deċiża fid-29 ta' Jannar 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali** ingħad is-segwenti:

*“Biex treggi d-difiza tal-provokazzjoni irid ikun hemm **l-immedjatezza** w cioe' li dak li jkun, ikun qed jirrejagixxi ghal xi haga li tkun saritlu dak il-hin u mhux qabel.”*
*Kif jghid il-Professur Sir Athony Mamo (Notes on Criminal Law , Vol. II, 1958 edit., p. 263) :- "...in regard to all cases of provocation, it is expressly laid down that they shall not avail the offender unless they have taken place at the time of the act in excuse whereof they are pleaded. In other words, it is essential that the wounding, etc., should have been inflicted immediately upon the provocation being given: for if there is a sufficient cooling time for the passion to subside and reason to interpose and gain domination over the mind and the person so provoked afterwards kills the other, this is deliberate revenge and not heat of the blood."*

**Fl-appell kriminali Ir-Repubblika ta' Malta vs. Melchior Spiteri deċiża nhar it-28 ta' Frar 2008**, il-Qorti tal-Appell Kriminali abbraċċjat l-indirizz li kien għamel l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fuq l-element ta' l-immedjatezza bejn l-azzjoni provokatorja u r-reazzjoni tal-aġent tar-reat u intqal hekk:

*“Naraw dak [ix-xiehda ta' l-appellant, l-istato d'animo tieghu] fejn iwassalkom, ghaliex is-sens ta' tpattija, is-sens ta' vendikazzjoni, is-sens ta' ha nelimina sors ta' inkwiet, mhuwiex*

*dak li jispira lil-legislatur meta nigu ghal eccezzjonijiet ta' din ix-xorta bhal self-defence. Mhux dak li gara l-bierah jghodd, x'qed jigri dak il-hin biex ikun hemm is-self-defence.* ***Jekk hija l-provokazzjoni l-istess****, mhux x'ghamilli gimgha ilu, mhux x'ghamel lill-mama` tieghi gimaghtejn ilu, x'qed jaghmillek dak il-hin. M'hemmx ghalfejn dak il-hin dak il-hin, jekk ikun gara hames minuti qabel, ghaxar minuti qabel, forsi siegha qabel u ghadek imdahdah, ghax ara x'ghamillek u tkun ghadek ipperturbat u agitat. Imma jrid ikun hemm certu kuntest li ma ghaddiex hafna zmien biex wiehed jilhaq jikkalma, jew jilhaq isib is-sensi tieghu. Allura anke dak li gara qabel, tridu taraw kemm gara qabel, u b'liema mod gara qabel u x'gara wara, imbaghad li gara qabel dawk il-fatti, hemm l-element taz-zmien, tat-trapass taz-zmien, jista' jkun fattur importanti favur jew kontra l-akkuzat, meta tezaminawh"*

Mil-provi produċibbli jirriżulta li l-imputat irreaġixxa u ikkaġuna ġriehi ta' natura ħafifa, magħmula bi strument li jaqta jew inniggeż fuq il-persuna ta' Aleksandra Rybarczyk, propju fil-mument li Mieczyslaw Rybarczyk mar fuqu u kien se jaggredih. Għalkemm m'huwiex eżattament ċar x'kienet qed tagħmel dak il-ħin Aleksandra Rybarczyk, biss kienet hemm waqt l-agressjoni ta' żewġa Mieczyslaw Rybarczyk, u hija ntlaqtet proju għax kienet involuta u fil-viċinanzi immedjati ta' żewġa li mar biex jaggredixxi lill imputat, li ddefenda l-azzjoni kontriħ, u waqt din l-agressjoni diretta lejn l-imputat, weġġħet Mieczyslaw Rybarczyk.

Għalhekk il-Qorti hija konvinta illi għalkemm il-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova din l-akkuża, peress li ppruvat li kien l-imputat li ta' id-daqa ta' sikkina, u konsegwenza ta' dan irriżultaw il-ġrieħi ħfief fuq Aleksandra Rybarczyk, **l-offiżi kommessi fuq il-persuna ta' Aleksandra Rybarczyk huma skużabbli skont l-Artikolu 230(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

3. **It-Tieni Imputazzjoni:** *"Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku."*

   Ir-reat għal din l-imputazzjoni huwa nkwadrat fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ladarba dan l-artikolu ma huwiex imsemmi fin-Nota tar-Rinviju għall-Ġudizzju, din il-Qorti qegħda tiddikjara illi din l-akkuża miġjuba kontra l-imputat **ma ġietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Liġi.**

4. **It-Tielet Imputazzjoni:** *"Talli għamel lil Aleksandra u lil Andrzej Mieczyslaw, inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew li kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ il-barra mil-limiti tal-provokazzjoni."*

   Kif diġa ingħad din il-Qorti tħoss li l-offiżi kommessi fuq Aleksandra Rybarczyk u Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk huma skużabbli skont l-Artikolu 230(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ma tħossx li ħareġ il-barra mil-limiti tal-provokazzjoni u għalhekk din il-Qorti qegħda tiddikjara illi din l-akkuża miġjuba kontra l-imputat **ma ġietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Liġi**.

5. **Ir-Raba Imputazzjoni:** *"talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta u bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju."*

   Din il-Qorti hija moralment konvinta li s-sikkina waqt il-ġlieda kienet f'idejn l-imputat Ibrahim Suod u ġiet użata mill-istess imputat u konsegwentament kien l-imputat Ibrahim Suod li kkaġuna ġriehi ta' natura ħafifa lil Aleksandra Rybarczyk. PC 963 Anthony Magro xehed li wara stħarriġ li sar irriżulta li l-imputat Suod Ibrahim la qatt kellu u lanqas għandu liċenzja biex iżomm arma ta' kwalunkwe tip speċjalment tal-ponta.

**Għalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuża miġjuba kontra l-imputat ġiet ppruvata sal-grad rikjest mill-Liġi.**

6. **Il-Ħames Imputazzjoni:** *"talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk sabiex jinġurja jew jdejjaq jew jagħmel il-ħsara lil din il-persuna."*

Mill-provi produċibbli jirriżulta li l-imputat ipprova jagħti daqqa ta' sikkina lil Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk iżda l-istess Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk irnexxilu jevita din id-daqqa.

Għar-raġunijiet kif esposti aktar il-fuq il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuża miġjuba kontra l-imputat għalkemm **ġiet ppruvata sal-grad rikjest mill-Liġi, l-offiżi kommessi fuq Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk huma skużabbli skont l-Artikolu 230(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

## D. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputat Ibrahim Suod detentur tal-karta tal-identità bin-numru 107946A mit-tieni (2) u tielet (3) imputazzjonijiet u wara li rat l-artikoli 17, 214, 215, 217, 221(2), 223, 227(a), 227(b), 227(ċ), 227(d), 230, 230(a), 230(b), 230(ċ), 230(d), 232(b), 232(ċ), 339(1)(d), 339(1)(e), 341, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 6, 8 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputat ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u tikkundannah għal multa ta' mija u sittax il-ewro u seba' u erbgħin ċenteżmu (€116.47), u ssibu ħati tal-ewwel (1) u l-ħames (5) imputazjoni, iżda għal din l-imputazzjoni l-imputat huwa skużabbli skont l-Artikolu 230(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta, u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati Ibrahim Suod taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment llum stess.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill- ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet imsemmi u li f'każ li huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, b'żieda mal-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, tal-ordni ta' probation, u tad-digriet ta' llum għandhom jiġu komunikati minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation mal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.
Il-Qorti, bis-saħħa tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas lir-Reġistraturi tal-Qorti, l-ispejjez skond il-Ligi. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistraturi (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-liġi.

Finalment, bis-saħħa u ai termini ta` l-Artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteġġjament tiegħu, kif riżultanti mill-atti, fil-konfront ta' Aleksandra Rybarczyk u Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk u bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta` u għall-protezzjoni ta' Aleksandra Rybarczyk u Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk, u għaż-żamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qegħda bil-

preżenti u f'termini ġenerali tagħmel Ordni ta` Trażżin fil-konfront tal-ħati Ibrahim Suod billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Ibrahim Suod milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil istess Ibrahim Suod milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Aleksandra Rybarczyk u Andrzej Mieczyslaw Rybarczyk. Din l-Ordni għanda tibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' sentejn (2).

Il-Qorti fissret lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**

**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 21 ta' Novembru 2023

**ORDNI TA' PROBATION**

**(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446)**

Każ Numru: 429/2021

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Roderick Attard)
**vs**

**Ibrahim Suod**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 107946 (A))

**Il-Qorti:**

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, Ibrahim Suod, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 107946(A) ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation, u ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li tħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, ikun jista jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħati wera li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation.

Għalhekk tordna li l-ħati Ibrahim Suod li joqgħod 7, Carmen, Triq Nerik Sacco, il-Marsa, ikun għal perjodu ta' sentejn (2) mil-lum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-ħati għandhu jġib ruħhu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal tal-Probation u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-probation maħtur lilu.

2. L-uffiċjal tal-probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-uffiċjal tal-probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jingħataw minn żmien għall-ieħor mill-istess uffiċjal tal-Probation;

5. Li tirċievi, jekk l-uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, żjarat tal-istess uffiċjal tal-Probation.

6. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-uffiċjal tal-Probation intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-uffiċċjal tal-Probation quddiem il-Qorti kompetenti.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi** | **Josanne Gauci** | **Ibrahim Suod** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** | **KI: 107946(A)** |